MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 81/2012

**Francis Saviour Borg**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezenta fit-30 ta’ Novembru 2012, u li jaqra hekk:

Din hija kawza ghall-vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, rigwardanti l-istore B, Lascaris Wharf, Valletta, li minnu l-Kummissarju tal-Artijiet qed jhedded illi jizgombra lill-okkupant skond il-Kap 228 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ ksur tal-Artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni, u fuq in-nullità tal-istess Kap 228 peress li jivvjola f’partijiet tieghu l-istess Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju tal-Artijiet b’ittra tas-27 ta’ Novembru 2012 intima lill-esponenti allavolja rrefera ghalih bhala l-okkupant minn Store B, Lascaris Wharf, Valletta, u dana bil-poteri li ghandu skond il-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-esponenti jikkontesta din il-posizzjoni u poter tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Il-fond *de quo* huwa mezz ta’ ghixien tal-esponenti ghaliex jintuza in konnessjoni man-negozju tieghu fil-Waterfront u l-inhawi tat-turisti.

Illi kwistjoni legalment identika giet deciza fil-11 ta’ April, 2006 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Emanuel Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali.

**Fil-kawza msemmija din l-Onorabbli Qorti mal-ewwel laqghet it-tielet talba, u ordnat lill-Kummissarju tal-Artijiet**

**biex ma jesegwix id-decizjoni tieghu, u dan sakemm tigi deciza din il-vertenza.**

**L-argument legali**

B'ordni mahruga taht il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta il-Kummissarju tal-Artijiet fuq l-awtorità tieghu nnifsu moghti bil-ligi, u minghajr htiega jew access ghal decizjoni ta' xi Qorti jew tribunal, iddekreta li l-esponenti qed jokkupa l-fond in kwistjoni jew parti minnu bla titlu u kien qed jordna l-izgumbrament taghhom.

Din mhix semplicement diskrezzjoni amministrattiva li dwarha tista' ssir kawza halli Qorti tezamina l-att amministrattiv. Certament mhux *ultra vires* il-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghas-semplici raguni li l-ligi nfisha taghtih is-setgha fuq kull Qorti u fuq kulhadd, u bil-firma tieghu, minghajr ma jaghti raguni jordna l-izgumbrament.

Wiehed ma jistax jinsa li biex tinbeda kawza kontra l-amministrazzjoni, l-ewwel trid issir ittra ufficjali, b'ghaxart ijiem jghaddu, imbaghad jista jagixxi. Kif jghid il-Malti l-ghasfur ikun ilu li tar.

Ghalhekk l-esponenti m'ghandu l-ebda rimedju ordinarju.

Ghalhekk kellu jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali.

Ta’ min jirrimarka li minkejja dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza citata ta’ Emanuel Camilleri, xorta wahda l-Kummissarju tal-Artijiet baqa’ juza l-poteri li gew dikjarati inkostituzzjonali.

Il-lamenteli tal-esponenti huma dawn li gejjin:

1. Il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta kollu kemm hu jivvjola l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-artiklu 3 tieghu. Kif inhi miktuba din il-ligi, il-poter gudizzjarju huwa eskluz ghal kollox, u l-persuna li tkun tirrisjedi f’bini jew art tal-gvern li jista’ jkollha titlu, m’ghandha l-ebda rimedju biex jigi dikjarat li ghandha titlu u ma tistax titkecca.

2. Inoltre l-esponenti qed isofru lezjoni taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea. L-izgumbrament huwa ndhil fil-possessions tieghu, u dan mhux bil-mod u bil-kawteli previsti mill-istess konvenzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta jivvjola l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bneidem fl-Artiklu 6 u l-Kostituzzjoni fl-Art. 39, u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti, u in vista tas-sentenza Kostituzzjonali Emanuel Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet et.

2. Taghti kull rimedju iehor opportun, inkluz il-hlas ta’ danni ghall-vjolazzjonijiet imsemmija.

3. Taghti immedjatament ordni lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiddesisti bla pregudizzju sakemm tigi deciza din il-vertenza biex hekk ma ssirx vjolazzjoni ohra, u cioe' li l-esponenti ma jkollhomx rimedju effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali u dan skond l-artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. Preliminarjament ir-rikors promotur kellu jiġi notifikat ukoll lill-Avukat Ġenerali u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. In linea preliminari ir-rikorrent naqas milli jaderixxi skond il-provedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex qatt ma ġiet notifikata lill-Kummissarju tal-Artijiet ebda ittra uffiċċjali jew protest ġudizzjarju dwar il-fond in kwistjoni. M'huwiex minnu dak li qiegħed jallega ir-rikorrent meta jgħid illi 'l-għasfur ilu li tar' u dan peress illi kif ser jiġi spjegat hawn taħt, il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat żewġ ittri ġudizzjarji lir-rikorrent dwar il-fond in kwistjoni fejn fl-ewwel waħda ingħata xahar żmien sabiex ineħħi l-affarijiet tiegħu mill-fond in kwistjoni u jirritorna ċ-ċwievet filwaqt li fit-tieni ittra reġa ġie mogħti ġimgħa ċans ulterjuri sabiex jesegwixxi l-ordnijiet hawn fuq ċitati. Jidher fiċ-ċar illi għalhekk ir-rikorrent ingħata żmien abbundanti sabiex jaderixxi skont il-provedimenti tal-Artikolu 460 surriferit qabel ipproċeda b'din il-kawża;

3. In linea preliminari wkoll, ir-rikorrent għadu ma eżawriex ir-rimedju ordinarju disponibbli għalih skont il-liġi u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina li teżerċita s-segħtat kostituzzjonali tagħha ai termini ta' l-Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li ma jidhirx li r-rikorrenti

intavolaw proċeduri ġudizzjarji ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 sabiex jimpunjaw id-decizjoni tal-Kummissarju datata 27 ta’ Novembru 2012 u/jew intavolaw Mandat ta’ Inibizzjoni sabiex iwaqqfu l-effetti ta’ l-Ordni ta’ Zgumbrament maħruġ ai termini tal-Kap. 288;

4. Ir-rikkorent qiegħed jallega vjolazzjoni tad-dritt uman tiegħu għall-smiegħ xieraq kif tinsab fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tad-dritt uman tiegħu għall-protezzjoni tal-proprjetà u dan in vista tal-ordni ta’ żgumbrament illi ħareġ il-Kummissarju tal-Artijiet fuq il-fond Store B, Lascaris Wharf, Valletta;

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda biss spejjeż stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ai termini ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-Kummissarju tal-Artijiet ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent in kwantu l-proprjetà in kwistjoni u dan għaliex l-istess rikorrent **qatt** ma kellu titolu fuq din l-istess proprjetà. Qatt ma saret kirja ta dan il-fond mill-Gvern ta’ Malta lir-rikorrent, wisq inqas il-Gvern ta’ Malta qatt irċieva jew aċċetta xi forma ta’ ħlas fuq dan il-fond mingħand l-istess rikorrent;

   b. Il-provedimenti tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet jagħtu l-faċilità lill-Gvern ta’ Malta jiżgombra persuni minn art tal-Gvern meta din l-art ikunu qegħdin jokkupawa mingħajr titolu validu fil-liġi;

   c. Kif diġa ġie spjegat aktar il-fuq, ir-rikorrent qatt ma kellu titolu fuq l-art in kwistjoni, u l-Gvern ta’ Malta għandu kull dritt jeżerċita d-drittijiet tiegħu sabiex jipproteġi il-

proprjetajiet tiegħu minn kwalunkwe pussessur li jkun qiegħed jipposedi l-istess fond illegalment u għaldaqstant kwalunkwe azzjoni meħuda mill-esponent Kummissarju tal-Artijiet taħt il-Kap. 228 hija waħda ġusta u timmerita konferma;

d. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rikors tiegħu r-rikorrent jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali iżda konvenjentement isemmi biss partijiet minn din is-sentenza fuori contesto u mhux id-deċiżjoni finali li saret *res judicata*;

e. Fil-fatt, fis-sentenza imsemmija mir-rikorrent, fl-ismijiet Emanuel Camilleri u Martu Mary Camilleri vs Kummissarju tal-Artijiet (deċiża 11 ta’ April 2006 mill-Qorti Kostituzzjonali) il-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet illi fil-każ mertu ta dik is-sentenza, id-dritt għal aċċess għall-Qorti, garantit bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, ma ġiex leż bl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228;

f. Għal finijiet ta’ korrettezza, għandu jingħad illi l-kawża hawn fuq ċitata kienet kawża fejn il-mertu tal-kawża kien kompletmanet differenti minn dak tal-kawża odjerna u dan għaliex f’din il-kawża kwotata kien hemm titolu ta’ lokazzjoni validu fuq partijiet tal-fond, waqt li fil-kawża odjerna ir-rikorrent ma għandu ebda titolu, kif diġa intqal aktar il-fuq;

g. Inoltre, ukoll b’differenza mill-fatti tas-sentenza hawn fuq kwotata, fil-każ odjern, il-Kummissarju tal-Artijiet ta żmien xieraq lir-rikorrent sabiex jipproċedi ġudizzjarjament biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ żgumbrament tal-Kummissarju tal-Artijiet, u dan peress illi l-istess Kummissarju tal-Artijiet informa lir-rikorrent permezz ta’ ittra uffiċjali kemm fis-26 ta’ Lulju 2012, fejn tah xahar żmien sabiex joħroġ mill-fond in kwistjoni kif ukoll fl-1 ta’ Novembru 2012 fejn ir-rikorrent reġa ngħata gimgħa ċans jivvaka dan il-fond illi huwa kien qiegħed jipposedi mingħajr titolu qabel inħareġ l-ordni għal żgumbrament. Kien biss wara li ġiet notifikata lir-rikorrent l-aħħar ittra uffiċjali li intbgħatet l-ordni ta’

żgumbrament fejn ir-rikorrent ingħata gimgħa oħra ċans sabiex jivvaka il-fond;

h. Għalhekk ma jistax jingħad illi is-sentenza kkwotata tapplika għal każ in eżami għaliex ir-rikkorent kellu ż-żmien neċessarju sabiex joġġezzjona għall-ordni ta' żgumbrament in kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza kkwotata, ma daħlitx fil-mertu ta' kemm għandu jkun żmien adegwat sabiex wieħed joġġezzjona għal tali ordni, iżda ċertament xahar żmien kif ukoll gimgħa oħra finali huma abbundanti kieku r-rikorrent xtaq joġġezzjona għall-ordni ta' żgumbrament, liema ordni ngħatatlu wara li ġiet notifikata lilu l-aħħar ittra uffiċjali;

i. Madankollu, r-rikorrent, minkejja dawn l-interpellazzjonijiet minn naħa tal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jivvaka il-fond in kwistjoni qatt ma resaq biex iġib prova ta' titolu validu fuq il-fond in kwistjoni u lanqas ma pprova jipproċedi ġudizzjarjament sabiex dan l-ordni ta' żgumbrament jiġi ddikjarat null mill-Qorti Ċivili, iżda permezz ta' din l-azzjoni straordinarja qiegħed jipprova jattakka d-dritt tal-Kummissarju tal-Artijiet li jipproteġi il-proprjetajiet tiegħu milli jiġu mmolestati minn persuni mingħajr titolu;

j. Fis-sentenza ċitata mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel riferenza għas-sentenza Mediterranean Film Studios Limited vs Il-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003. F'din tal-aħħar, l-Onorabbli Qorti kienet qalet hekk *'L-ordni ta' żgumbrament meritu ta' dan il-każ sar in virtu tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 … Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tali ordni jista' jinħareġ biss fil-każ ta' art okkupata "mingħajr ebda titolu jew li tkun mogħtija b'* encroachment", *b'mod li jekk jiġi allegat li hemm xi titolu (li ma jkunx* encroachment) *tali ordni jista jiġi kontestat fil-qrati ordinarji u bir-rit ordinarju biex tintalab, fost affarijiet oħra, in-nullita u l-invalidita ta' dak l-ordni… ';*

k. Fis-sentenza hawn fuq ikkwotata, l-Qorti kompliet billi qalet illi *'apparti li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jipproteġix il-pussess* *<u>abużiv</u>* *tal-proprjetà … il-fatt li s-soċjetà appellanti jkollha tipprova hi li għandha titolu validu ma jnaqqas xejn mill-effikaċja tar-rimedju bir-rit ordinarju, cioe r-rimedju ta' l-actio spolii, tal-azzjoni għad-danni, ta' l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv għax dak l-għemil ikun sar bi ksur tal-liġi jew ikun altriment* ultra vires *… din il-Qorti, inveċe taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti li r-rimedji indikati minnha fis-sentenza appellata huma rimedji potenzjalment effettivi w effikaċi jekk jiġi pruvat li s-soċjeta appellant għandha verament titolu validu ta' kera kif minnha pretiż';*

l. Is-sentenza kkwotata mir-rikorrenti tkompli billi titkellem dwar l-għan tal-Artikolu 3 tal-Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta, billi tgħid illi dan il-Kap. *'ġie promulgat biex jiffaċilita ir-ripresa tal-pussess da parte ta' Istat ta' proprjetà li tkun qed tiġi okkupata* *<u>abbużivament</u>* *b'mod li meta l-Kummissarju jiddeċiedi li l-art hekk okkupata għandha tiġi żgumbrata, ikun min jippretendi li għandu dritt jibqa' fuq dik l-art – u mhux il-Kummissarju – li jkollu l-obbligu li jadixxi lill-Qorti, biex juri li huwa verament għandu titolu u li għalhekk l-ordni ta' żgumbrament tal-Kummissarju għandu jiġi dikjarat null. Ma hemm xejn fil liġi – la fil-Kap. 228 u anqas f'xi liġi oħra – li jipprojbixxu lill-persuna li tirċievi ordni bħal dak li rċevew il-konjugi Camilleri milli titlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Kummissarju, u wara tipproċedi biex titlob dikjarazzjoni ta' l-invalidità tal-ordni billi tipprova t-titolu tagħha'*;

m. L-istess sentenza tkompli billi tfisser illi għaldaqstant, meta persuna tirċievi tali ordni, jekk din il-persuna verament temmen li għandha titolu fuq il-fond in kwistjoni, u għalhekk il-Kummissarju tal-Artijiet ma' għandu ebda dritt illi joħroġ ordni għall-żgumbrament u jesegwih, din il-persuna tista' titlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni u mbagħad tipproċedi kif ġie spjegat aktar il-fuq fl-istess sentenza, hawn fuq ċitata. U b'hekk dik l-

Onorabbli Qorti kienet sabet illi '*il-possibiltà ta' dan ir-rimedju, b'eżami sħiħ tal-fatti kollha u tal-liġi minn Qorti imparzjali w independent, ikun ifisser li hemm dritt ta' aċċess għall-finijiet ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni…*';

n. Isegwi allura illi kif kienet sabet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza kkwotata mir-rikorrent stess, l-Artikolu 3 tal-Kap. 288 tal-Liġijiet ta' Malta ma jikser ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrent, għaliex kif diġa ġie spjegat aktar il-fuq, l-ordni ta' żgumbrament qatt ma mpona fuq id-dritt kostituzzjonali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq;

o. Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent illi huwa sofra lezjoni taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif diġa ġie spjegat aktar il-fuq, a skans ta' repetizzjoni, r-rikorrent ma għandu ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni, u għalhekk ma jistax jingħad illi d-dritt kostituzzjonali ġie leż u lanqas ma jista' jingħad illi l-iżgumbrament huwa ndħil fil-possessjonijiet tiegħu għaliex l-istess rikorrent qatt ma kellu ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni. Ma jistax jiġi allegat mir-rikorrent illi qiegħed jiġi mċaħħad mill-possediment ta' xi ħaġa jekk huwa mill-bidu nett qatt ma kellu titolu għalih;

p. B'referenza għal fatti hawn fuq imsemmija, jidher fiċ-ċar illi għalkemm l-ordni ta' żgumbrament provdiet biss ġimgħa ċans lir-rikorrent sabiex jivvaka il-fond illi huwa kien qiegħed jipposedi mingħajr titolu, l-istess rikorrent ċertament illi ingħata żmien biżżejjed sabiex jieħu azzjoni kieku ried jivvanta it-titolu tiegħu fuq il-fond meta wieħed iqis il-perjodu ta' żmien illi ingħatalu minn meta intbgħatet l-ewwel ittra uffiċjali fis-26 ta' Lulju 2012 sal-ordni ta żgumbrament illi kienet maħruġa fis-27 ta' Novembru 2012;

6. Inoltre, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur hija sufficjenti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat.

Ikkunisdrat:

Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrent jargumenta illi huwa qieghed fil-pussess ta' fond maghruf bhala Store B, f'Lascaris Wharf, Valletta, u peress illi skond l-intimat Kummissarju tal-Art, r-rikorrent qieghed fil-fond bla titolu, l-imsemmi Kummissarju ordna l-izgumbrament tieghu ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti jissottometti li din l-ordni tivvjola d-drittijiet tieghu sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu jgawdi minn "possediment" li jehtieglu protezzjoni, din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[1] ta' f'hiex jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew

[1] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.

possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett ghandu jigi interpretat b'mod wiesa. In fatti, **f'Mellacher v. Austria**, 19 ta' Dicembru, 1989 dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jimmanifestax din il- karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jezorbita awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk[2], in fatti, "... *the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide;.... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests*".[3]

B'dan ir-ragunament allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protokol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjetà fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu juru numru ta' karatteristici li gew zviluppati matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci "*of being realized*" u b'hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha "*legitimate expectation*"[4] kif ser naraw aktar 'l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

[2] A Guide to Implementations of Article 1 of Protocol Number 1, page 10.
[3] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions": :…shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema".
[4] **Bevler v. Italy (5-Jan-2000)** – l-applikant f'dan il-kaz ipprova li kellu de facto 'property interest' fil-pittura u b'hekk kellu 'a legitimate expectation'.

Il-protezzjoni ta' dan l-Artikolu tapplika biss f'kaz li wiehed jista' "*lay a claim to the property concerned*". Dan l- Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id- dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur[5]. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista' jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna digà ghandha u li digà qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita "*property rights*" – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta' Gunju, 2001.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta' dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta' dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "*property right*" – **Sv. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85)**.

Alternattivament, sabiex "*claim*"[6] tkun ikkonsiderata bhala "*possession*" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta.

*"A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act..." –* ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002).***

Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "*legitimate expectation*". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "*established to be enforceable*" – **case of Burdov v. Russia**, 7 ta' Mejju, 2002; **Timofeyen v. Russia**, 23 ta' Jannar, 2004 u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece**, 9 ta' Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala

---

[5] Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret proprjeta` fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu **Marckx v. Belgium 1979 u fl-1987 f'Inze v. Austria**.

[6] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- "as long as the holder of a claim can have a "legitimate expectation" of realizing the claim, that is, that the claim is "sufficiently established" to the extent of being executable, then this claim is in principle to be accepted as on par with "possession" capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1".

"*possession*". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "*a claim*" jew talba, tista' tigi kkonsidrata bhala "*possession*" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "*a legal entitlement*", ossia dritt legali ghall- beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "*a legitimate expectation that the entitlement will materialise*" – **Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)**[7] **u National and Provincial Building Society v. U.K. (1997)**.

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist, **Potocka and Others v. Poland (2000)**, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, jipproduci *prima facie* evidenza ta' l-ezistenza u l-validità tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Hekk ukoll kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Zammit v. Ellul Vincenti noe**, deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, f'referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni:

*"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur id-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal- allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".*

Issa f'dan il-kaz, ma jirrizultax li r-rikorrent qatt kellu dritt ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni. L-istore in kwistjoni kien inkera mill-Gvern lill-HP Cole Limited, izda din, wara xi zmien,

[7] **Fedorenko v. Ukraine (1-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organi tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga` jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant jargumenta li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' proprjetà.

waqfet taghmel uzu minnu u flok irritornat ic-cwievet lis-sid, kif kien obbligu taghha li taghmel, ippermettiet li l-fond jintuza bhala store minn missier ir-rikorrent u meta dan miet, baqa' hekk jintuza mir-rikorrent (hemm allegazzjoni li r-rikorrent qed juza l-fond bhala hanut, materja din li l-Qorti ma jidhirlix li ghandha tistharreg). It-titolu fuq il-fond kien u baqa' fuq HP Cole Limited, u qatt ma nqaleb, jew saret xi procedura intiza biex jinqaleb, ghal fuq ir-rikorrent jew missieru. L-okkupazzjoni tal-fond mir-rikorrent hija abbuziva u tali okkupazzjoni ma tistax tkun possediment li timmerita protezzjoni.

Ir-rikorrent jghid li, f'dawn l-ahhar snin, kien hu li hallas il-kera wara li johrog cekk ghal dak l-iskop. Skond il-ligi, però, kreditur ma jistax jirrifjuta hlas minn terz ghad-debitur, u, ghalhekk, il-hlas li kien jircievi l-intimat seta' jigi accettat bhala pagament ghan-nom tal-inkwilin. L-ircevuti fil-fatt, dejjem hargu fuq isem H.P. Cole Ltd., u r-rikorrent qatt ma kkontesta dan jew talab li tinhareg ricevuta fuq ismu.

Ma jirrizultax li l-intimat kien ilu jaf b'min kien qed jaghmel uzu mill-fond. Hu qatt ma gie nfurmat formalment bil-bidla li sehhet fl-okkupant tal-fond, u kien ghal habta ta' Frar tal-2011 li l-intimat sar jaf bl-uzu li r-rikorrent kien qed jaghmel tal-fond. Minn hemm bdew proceduri ghall-izgumbrament tieghu, bil-presentata ta' ittri ufficcjali fejn ir-rikorrent gie ntimat jivvaka l-fond, u fl-ahhar bil-hrug ta' ordni ta' zgumbrament li wasslet ghal dawn il-proceduri.

Il-fond qatt ma gie imwilli jew cedut lir-rikorrent, lanqas mill-inkwilin tal-istess fond u kwindi l-istess rikorrent ma jista' jivvanta ebda forma ta' titolu fuq l-istess. Il-pussess li ghandu tal-fond huwa illegali u abbuziv, u tali pusess ma jistax jaghti lok

ghal xi tip ta' "*legitimate expectation*" li tipprotegi l-Konvenzjoni Ewropea.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni Ewropeja, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Camilleri vs Kummissarju tal-Artijiet et**", deciza fil-11 ta' April, 2006, gia ppronunzjat u qalet li l-Artikolu 3 tal-imsemmi Kap. 228 ma jmurx kontra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-ordinament guridiku Malti jaghti l-possibilità ta' kontestazzjoni effettiva ta' ordni mahruga taht dak l-artikolu. Din il-Qorti regghet ezaminat l-Att kollu fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, u ma ssib xejn fil-ligi li jiskozza mad-drittijiet tar-rikorrenti ghall-access ghal qorti u ghal smiegh xieraq.

Ir-rikorrent kien gie intimat b'ittra ufficcjali tas-27 ta' Lulju 2012, biex fi zmien xahar johrog mill-fond in kwistjoni, u b'ittra ufficcjali ohra tas-7 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrent rega nghata gimgha cans biex jevakwa mill-fond li kien qed jokkupa bla titolu. Ma rrizultax li r-rikorrent wiegeb ghall-dawn l-ittri jew b'xi mod ikkontesta l-pretensjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet. Fis-27 ta' Novembru, 2012, intbaghtet l-ordni ta' zgumbrament fejn ir-rikorrent inghata gimgha ohra cans sabiex jevawka l-fond. Hu veru li z-zmien koncess lir-rikorrent mal-ordni hu ftit qasir, però, meta tqis l-antecedenti tal-kaz u n-nuqqas ta' interess li wera r-rikorrent meta gie intimat formalment biex jevawka l-fond, ma jistax jinghad li r-rikorrent ma kellux opportunità adegwata biex, jekk irid, jikkontesta l-ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet. Dan mhux kaz fejn ir-rikorrent gie sorpriz bil-hrug tal-ordni ta' zgumbrament, izda kaz ta persuna li njorat l-avvizi formali li kienet qed tircievi biex tohorg mill-post, u halla l-materja tkaxkar sa ma fl-ahhar inharget l-ordni ta' zgumbrament.

Kif sehhew l-affarijiet, din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li gew miksura d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrent. Milhuqa din il-konkluzjoni, din il-Qorti ma tarax htiega li tiddibatti u tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrent Francis Saviour Borg billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------